# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.1

## Kap 5: Ngħinu bil-qalb

## Lezzjoni 5.1: Nagħmlu kollox bil-qalb

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jifhmu x'jiġifieri tgħin. Jesploraw modi fejn jistgħu jgħinu.
2. Jagħrfu xi tfisser li tgħin bis-serjetà jiġifieri mill-qalb.
3. Jagħrfu li l-ħlas hu kuntentizza.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Preżentazzjoni *(power point)* bi stampi ta' nies jgħinu f'sitwazzjonijiet differenti.



- Mill-Ktieb tal-Attivitajiet - Taħriġ 5.1
- Kanzunetta: *Kindness changes everything*
  https://www.youtube.com/watch?v=IKTGyNJBvgs
- Kanzunetta: Kindness song

  https://www.youtube.com/watch?v=OUrA2SgPLXc
- Kanzunetta: Be kind to people

  https://www.youtube.com/watch?v=WxUNGrSBAh8

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Introduċi l-lezzjoni bi *brainstorming* qasir ta' xi tfisser li tgħin.
- Aqsam il-klassi fi 3/4 gruppi u kull grupp jiddiskuti xi tfisser tgħin f'ambjenti differenti:
  a. fid-dar
  b. fil-klassi
  c. fil-brejk
  d. barra fit-triq jew f'xi *playground.*



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Introduċi l-attività li kull grupp jagħżel lil xi ħadd li se jaqsam mal-klassi x'għajnuna ħarġu biha bħala grupp – *plenary session.*
- Uri l-preżentazzjoni u ddiskutu l-għajnuna li toħroġ minn kull stampa.
- Semma l-kanzunetti jew xi waħda mill-kanzunetti fuq *Kindness.*
- Asal għall-punt importanti ta' kif wieħed iħossu meta jgħin bil-qalb.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 5.1. Aqra u spjega s-silta mogħtija.
- Iddiskuti bħala klassi Attività 1. Ħalli ħin biex it-tfal ikunu jistgħu jimmarkaw r-risposta t-tajba.
- Aqra u spjega Attività 2 u stieden lit-tfal jgħaqqdu l-biċċiet tas-sentenzi li jmorru flimkien.
- Iddiskuti mal-istudenti Attività 3 u oħroġ il-punt dwar l-importanza li nħobbu l-annimali u nieħdu ħsiebhom.



## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)




1. Li tgħin hi xi ħaġa bżonnjuża.
2. Li tgħin huwa rispett lejn l-oħrajn.
3. M'hemmx għalfejn tkun xi ħaġa kbira biex tgħin; kull qatra tgħodd.
4. Meta tgħin tħossok sodisfatt u tħoss ferħ kbir ġo qalbek.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru li jifhmu li hemm bżonn li jgħinu kull fejn ikunu, anke jekk dan jitlob minnhom sagrifiċċju.




## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Kindness changes everything

https://www.youtube.com/watch?v=IKTGyNJBvgs



Kindness song

https://www.youtube.com/watch?v=OUrA2SgPLXc

Be kind to people

https://www.youtube.com/watch?v=WxUNGrSBAh8

## Nitolbu:

O Ġesu', għinni nagħti daqqa t'id kull fejn hemm bżonn. Agħmel li ma naqtax qalbi meta nara li ħaddieħor ma japprezzax dak li nkun qed nagħmel għall-ġid tal-oħrajn.

